



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Marzu 2016
(OR. en)

6926/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0067 (NLE)

WTO 59

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-
Informazzjoni

TRADUZZJONI

DIKJARAZZJONI DWAR L-ESPANSJONI TAL-KUMMERĊ FIL-PRODOTTI TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI

Il-Membri li ġejjin tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") li qablu fuq l-espansjoni tal-kummerċ dinji fil-prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni ("il-partijiet").

L-Albanija	Il-Malasja
L-Awstralja	Il-Montenegro
Il-Kanada	In-New Zealand
Iċ-Ċina	In-Norveġja
Il-Costa Rica	Il-Filippini
L-Unjoni Ewropea	Singapor
Il-Gwatemala	L-Iżvizzera ¹
Hong Kong, iċ-Ċina	It-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan,
L-Iżlanda	Penghu, Kinmen u Matsu
L-Iżrael	It-Tajlandja
Il-Ġappun	L-Istati Uniti
Il-Korea	

¹ F'isem l-unjoni doganali tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

Jiddikjaraw kif ġej:

1. Kull parti għandha tikkonsolida u telimina d-dazji doganali u dazji u imposti oħra ta' kull tip, fit-tifsira tal-Artikolu II:1(b) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, kif stabbilit hawn taħt, b'rabta ma' dan li ġej:
 - (a) il-prodotti kollha kklassifikati ma' Sistema Armonizzata ("SA") 2007 subintestaturi elenkati fl-Hemża A ma' din id-Dikjarazzjoni; u
 - (b) il-prodotti kollha speċifikati fl-Hemża B ma' din id-Dikjarazzjoni, kemm jekk inklużi jew jekk m'humiex fl-Hemża A.

Stazzjonar

2. Il-Partijiet għandhom japplikaw stazzjonar ta' tliet snin għal erba' stadji ta' tnaqqis annwali indaqs tad-dazji doganali mill-2016 sal-2019, bħala stazzjonar standard, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-partijiet, filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li f'ċirkostanzi limitati tista' tkun meħtieġa l-estensjoni tal-istazzjonar tat-tnaqqis. Ir-rata mnaqqsa għandha f'kull stadju tkun irrotondjata sal-ewwel punt deċimali. Kull Parti għandha tinkorpora l-impenji fuq l-istadji għal kull prodott fl-Iskeda tagħha tal-Konċessjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("Skeda ta' Konċessjonijiet").

Implimentazzjoni

3. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, u soġġett għat-tlestija ta' rekwiżiti proċedurali nazzjonali, kull Parti għandha tneħħi d-dazji doganali kollha u dazji u imposti oħra ta' kull tip minn fuq il-prodotti elenkati fl-Hemżiet kif ġej:
- (a) l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fi stadji indaqs, l-ewwel tali rata ta' tnaqqis tkun effettiva mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2016, it-tieni tali rata ta' tnaqqis sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017, it-tielet tali rata ta' tnaqqis sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2018, u l-eliminazzjoni ta' dazji doganali għandha ssir effettiva mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2019; u
 - (b) l-eliminazzjoni ta' dawk id-dazji u imposti oħra ta' kull tip, fit-tifsira tal-Artikolu II:1(b) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, għandha titlesta sal-1 ta' Lulju 2016.

Implimentazzjoni aċċellerata

4. Il-Partijiet jinkoraġġixxu l-eliminazzjoni awtonoma immedjata tad-dazji doganali jew l-implimentazzjoni aċċellerata qabel id-dati stabbiliti fil-paragrafu 3 hawn fuq, pereżempju għal prodotti b'dazji doganali relattivament baxxi.

Skeda ta' żmien

5. Kemm jista' jkun kmieni, u mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru 2015, kull parti għandha ttipprovdi lill-partijiet l-oħra kollha b'abbozz ta' skeda li tinkludi (a) id-dettalji dwar kif it-trattament xieraq tad-dazju għandu jkun previst fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tagħha u (b) lista tas-subintestaturi tas-SA iddettaljati involuti għall-prodotti speċifikati fl-Hemża B, li għandha tinkludi wkoll nota tal-bidu li tiddikjara li tali prodotti għandhom jiġu pprovduti bi trattament ta' mingħajr dazju kull fejn huma kklassifikati fis-SA. Kull abbozz ta' skeda għandu jiġi rieżaminat u approvat mill-partijiet fuq bażi konsenswali filwaqt li jiġu kkunsidrati l-problemi espressi mill-partijiet fin-negozjati. Dan il-proċess ta' rieżami għandu jitlesta sa mhux aktar tard mill-4 ta' Diċembru 2015.
6. Wara li jitlesta dan il-proċess ta' rieżami għal kwalunkwe tali abbozz ta' skeda ta' Parti, dik il-Parti għandha ttippreżenta skeda approvata, soġġett għat-tlestija ta' rekwiżiti proċedurali nazzjonali, bħala modifika għall-Iskeda ta' Konċessjonijiet tagħha, skont id-Deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 1980 dwar il-Proċeduri għall-Modifika u Rettifika tal-Iskedi tal-Konċessjonijiet dwar it-Tariffi (BISD 27S/25).
7. Kull Parti għandha timplimenta l-paragrafi 3 u 6 ta' din id-Dikjarazzjoni ladarba l-partijiet jirrieżaminaw u japprovaw fuq bażi konsenswali l-abbozzi ta' skeda li jirrappreżentaw madwar 90 fil-mija tal-kummerċ dinji¹ fil-prodotti koperti b'din id-dikjarazzjoni.

¹ Biex jiġi kkalkulat mis-Segretarjat tad-WTO u kkomunikat lill-partijiet fuq il-bażi tal-aktar data reċenti disponibbli.

Abbozz ta' format ta' skedi ta' konċessjonijiet

8. Biex jimplimentaw ir-rabtiet u l-eliminazzjoni tad-dazji doganali u dazji u imposti oħra ta' kull tip fuq prodotti elenkati fl-Hemżiet, il-modifiki ta' kull parti fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tagħhom għandhom:
- (a) fil-każ ta' prodotti kklassifikati bis-subintestaturi tas-SA 2007 elenkati fl-Hemża A, joħolqu, fejn ikun xieraq, suddiviżjonijiet fl-Iskeda tagħha ta' Konċessjonijiet fil-livell ta' tariffa nazzjonali; u
 - (b) fil-każ ta' prodotti speċifikati fl-Hemża B, jehmżu anness mal-Iskeda tagħha ta' Konċessjonijiet li jinkludi l-prodotti kollha fl-Hemża B, li għandu jispeċifika l-klassifikazzjoni tariffarja dettaljata għal daww il-prodotti jew fil-livell ta' tariffa nazzjonali jew il-livell SA "6-digit".

Aċċettazzjoni

9. Id-Dikjarazzjoni għandha tkun miftuħa għall-aċċettazzjoni mill-Membri kollha tad-WTO. L-aċċettazzjoni għandha tkun notifikata bil-miktub lid-Direttur Ġenerali tad-WTO li għandu jwassalha lill-parteċipanti kollha.

Ostakli mhux tariffarji

10. Il-Partijiet jaqblu li jintensifikaw il-konsultazzjonijiet dwar l-ostakli mhux tariffarji fis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Għal dan il-għan, il-Partijiet jappoġġaw l-iżvilupp possibbli ta' programm ta' ħidma aġġornat fuq ostakli mhux tariffarji.

Kunsiderazzjonijiet finali

11. Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu perjodikament, u mill-inqas sena qabel l-emendi regolari għan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u mhux aktar tard minn Jannar tal-2018, biex jevalwaw il-kopertura tal-prodotti speċifikati fl-Hemżiet u jikkunsidraw jekk, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, l-esperjenza fl-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji, jew it-tibdil għan-nomenklatura SA, l-Hemżiet għandhomx jiġu aġġornati biex jinkorporaw prodotti addizzjonali.
12. Il-Partijiet jagħrfu li r-riżultati ta' dawn in-negozjati jinvolve konċessjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fin-negozjati multilaterali dwar l-aċċess għas-suq mhux agrikolu li għaddejjin bħalissa fil-qafas tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha.

Hemżiet ma' din id-Dikjarazzjoni:

- Hemża A telenka s-subintestaturi SA 2007 jew partijiet minnhom li jridu jkunu koperti minn din id-Dikjarazzjoni.
 - Hemża B telenka l-prodotti speċifiċi li għandhom ikunu koperti minn din id-Dikjarazzjoni kull fejn ikunu kklassifikati fis-SA 2007.
-

HEMŻA A

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
001	350691	ex	Adeżivi free-film ottikament ċari u adeżivi likwidi kurabbli ottikament ċari tat-tip użati biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' displej fuq pjanċa ċatta jew skrins sensittivi għall-mess
002	370130		Pjanċi oħrajn u film, b'xi ġenb aktar minn 255 mm
003	370199		Oħrajn
004	370590		Oħrajn
005	370790		Oħrajn
006	390799	ex	Kopolimeri kristalli likwidi termoplastiċi tal-polijester aromatiċi
007	841459	ex	Fannijiet ta' tip użat biss jew prinċipalment għat-tkessiġ tal-mikroproċessuri, apparat tat-telekomunikazzjoni, magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data
008	841950	ex	Unitajiet ta' trasferiment ta' sħana magħmula mil-fluworopolimeri u b'bor tat-tubu tad-dħul u tal-ħruġ b'dijametru fuq ġewwa ta' 3 ċm jew inqas
009	842010	ex	Laminaturi bir-romblu tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' sottostrati għal ċirkwiti stampati jew ċirkwiti stampati
010	842129	ex	Makkinarju u apparat li jiffiltra jew isaffi l-likwidu magħmul minn fluworopolimeri u bil-filtru jew membrana li ssaffi mhux eħxen minn 140 microns
011	842139	ex	Makkinarju u apparat li jiffiltra jew isaffi gassijiet, b'housing tal-azzar li ma jissaddadx, u b'bor tat-tubu tad-dħul u tal-ħruġ b'dijametru fuq ġewwa mhux akbar minn 1.3 ċm

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
012	842199	ex	Partijiet minn makkinarju u apparat li jiffiltra jew isaffi l-likwidi, magħmula minn fluworopolimeri bil-filtru jew membrana li ssaffi mhux eħxen minn 140 microns; partijiet minn makkinarju u apparat li jiffiltra jew isaffi gassijiet, b'housing tal-azzar li ma jissaddadx, b'bor tat-tubu tad-dħul u tal-ħruġ b'dijametru fuq ġewwa li mhux akbar minn 1.3 ċm
013	842320	ex	Mwieżen għal użin kontinwu ta' oġġetti fuq trasportaturi permezz ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet
014	842330	ex	Mwieżen għal piż kostanti u mwieżen biex joħroġu piż predeterminat ta' materjal f'borża jew f'kontenitur, inklużi mwieżen tad-delu permezz ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet
015	842381	ex	Makkinarju ieħor ta' użin, b'kapaċità massima ta' użin mhux aktar minn 30 kg bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet
016	842382	ex	Makkinarju ieħor ta' użin, b'kapaċità massima ta' użin li taqbeż it-30 kg imma mhux aktar minn 5,000 kg permezz ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet, minbarra magni li jiżnu l-vetturi bil-mutur
017	842389	ex	Makkinarju ieħor ta' użin, b'kapaċità massima ta' użin li taqbeż il-5,000 kg permezz ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet
018	842390	ex	Partijiet ta' makkinarju ieħor ta' użin permezz ta' mezzi elettroniċi li jkejlu piżijiet, minbarra magni li jiżnu l-vetturi bil-mutur
019	842489	ex	Apparat mekkaniku għall-projezzjoni, dispersjoni jew traxxix ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
020	842490	ex	Partijiet ta' apparat mekkaniku għall-projezzjoni, dispersjoni jew traxxix ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
021	844230		Makkinarju, apparat u tagħmir
022	844240		Partijiet tal-makkinarju, apparat jew tagħmir imsemmi fuq
023	844250		Pjanċi, ċilindri u komponenti oħra ta' stampar; pjanċi, ċilindri u ġebel litografiku, imħejjija għall-għanijiet ta' stampar (pereżempju, illixxjati, ivvinati jew illustrati)
024	844331		Magni li jwettqu żewġ funzjonijiet jew aktar ta' stampar, ikkupjar jew trasmissjoni tal-faksimile, li huma kapaċi jaqbdu ma' magna awtomatika tal-ipproċessar ta' data jew ma' netwerk
025	844332		Oħrajn, kapaċi jaqbdu ma' magna awtomatika tal-ipproċessar ta' data jew ma' netwerk
026	844339		Oħrajn
027	844391		Partijiet u aċċessorji ta' makkinarju tal-istampar użat għall-istampar permezz ta' folji, ċilindri u komponenti oħra tal-istampar ta' titlu 84.42
028	844399		Oħrajn
029	845610	ex	Għodod tal-magni imħaddmin bil-lejżer jew bi proċessi tad-dawl jew tar-raġġi foton oħrajn ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
030	846693	ex	Għodod tal-magni imħaddmin bil-lejżer jew bi proċessi tad-dawl jew tar-raġġi foton oħrajn ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' għodod tal-magni imħaddmin bi proċessi ultrasoniċi ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' għodod tal-magni ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' (tornijiet oħra) ikkontrollati numerikament ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' (drillijiet oħra) ikkontrollati numerikament ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' (magni oħra tat-tħin) ikkontrollati numerikament ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' magni tal-isserrar jew qtugħ ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data; Partijiet u aċċessorji ta' għodod tal-magni imħaddmin bi proċessi ta' elettro skariku ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data
031	847210		Duplikaturi
032	847290		Oħrajn

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
033	847310		Partijiet u aċċessorji tal-magni ta' titolu 8469
034	847340		Partijiet u aċċessorji tal-magni ta' titlu 8472
035	847521		Magni biex jagħmlu fibri ottiċi u forom preliminari tagħhom
036	847590	ex	Partijiet ta' magni ta' subintestatura 847521
037	847689	ex	Magni li jsarrfu l-flus
038	847690	ex	Partijiet ta' magni li jsarrfu l-flus
039	847989	ex	Magni għat-tqegħid awtomatizzat ta' komponenti elettroniċi ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
040	847990	ex	Partijiet ta' magni għat-tqegħid awtomatizzat ta' komponenti elettroniċi ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
041	848610		Magni u apparat għall-manifattura ta' boules jew wejfers
042	848620		Magni u tagħmir għall-manifattura ta' mezzi semikondutturi jew ta' ċirkwiti integrati elettroniċi
043	848630		Magni u apparat għall-manifattura ta' displejs fuq pjanċi ċatti
044	848640		Magni u tagħmir speċifikati f'Nota 9 (C) għal dan il-Kapitolu;
045	848690		Partijiet u aċċessorji
046	850440		Konverters statiċi
047	850450		Inductors oħrajn
048	850490		Partijiet
049	850590	ex	Elettrokalamiti ta' tip użat biss jew prinċipalment għal apparat għat-teħid ta' immaġnijiet b'reżonanza manjetika għajr elettrokalamiti tal-intestatura 90.18
050	851430	ex	Fuklari u fran ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
051	851490	ex	Partijiet ta' fuklari u fran oħra ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
052	851519	ex	Magni oħra saldaturi tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
053	851590	ex	Partijiet minn magni oħra saldaturi tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
054	851761		Stazzjonijiet bażi
055	851762		Magni għar-riċezzjoni, konverżjoni u trasmissjoni jew riġenerazzjoni ta' vuċi, immaġini jew dejta oħra, inkluż tagħmir għall-qlib tal-linji u routing:
056	851769		Oħrajn
057	851770		Partijiet
058	851810		Mikrofoni u stands għalihom
059	851821		Lawdspikers singli, immuntati fil-kaxxa tagħhom
060	851822		Lawdspikers multipli, immuntati fl-istess kaxxa
061	851829		Oħrajn
062	851830		Headphones u earphones, kombinati ma' mikrofonu jew le, u settijiet magħmulin minn mikrofonu u lawdspiker wieħed jew aktar
063	851840		Amplifikaturi elettriċi tal-frekwenza awdjo;
064	851850		Settijiet ta' amplifikaturi tal-ħoss tal-elettriku
065	851890		Partijiet
066	851981		Li juża mezzi manjetiċi, ottiċi, jew ta' semikondutturi
067	851989		Oħrajn

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
068	852110		Tip b'tejp manjetiku
069	852190		Oħrajn
070	852290		Oħrajn
071	852321		Kards li fihom strixxa manjetika
072	852329		Oħrajn
073	852340		Mezzi ottiċi
074	852351		Strumenti li jaħżnu l-memorja li mhumieħ volatili u li huma fi stat solidu
075	852352		"Kards smart"
076	852359		Oħrajn
077	852380		Oħrajn
078	852550		Apparat ta' trasmissjoni
079	852560		Tagħmir ta' trasmissjoni li fih tagħmir ta' riċezzjoni
080	852580		Kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjowkameras li jirrekordjaw:
081	852610		Apparat tar-radar
082	852691		Apparat tar-radju għal għajnunha għan-navigazzjoni
083	852692		Apparat tar-radju bil-kontroll mill-bogħod
084	852712		Radio cassette-players tal-but
085	852713		Tagħmir ieħor ikkumbinat ma' tagħmir li jirrekordja jew jirriproduċi l-ħoss:
086	852719		Oħrajn
087	852721	ex	Riċevituri għax-xandir bir-radju li ma jistgħux jaħdmu mingħajr sors estern ta' enerġija, tat-tip li jintużaw fil-vetturi bil-mutur, flimkien ma' apparat li jirrekordja jew jirriproduċi l-ħoss li jista' jirċievi u jiddekwodja sinjali tas-sistema ta' data tar-radju diġitali

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
088	852729		Oħrajn
089	852791		Ikkumbinat ma' tagħmir li jirrekordja jew jirriproduċi l-ħoss
090	852792		Li mhumiex ikkumbinati ma' tagħmir li jirrekordja jew jirriproduċi l-ħoss iżda kkumbinati ma' arloġġ
091	852799		Oħrajn
092	852849		Oħrajn
093	852871		Li mhuwiex iddiżinjat sabiex jinkorpora fih display jew skrin tal-vidjow
094	852910		Antenni u rifletturi ta' antenni ta' kull tip; bċejjeċ tajbin għal użu magħhom
095	852990	ex	Oħrajn, esklużi moduli tad-dijodu li jemettu d-dawl pannelli organiċi li jemettu d-dawl għal apparat ta' subintestaturi 8528.72 jew 8528.73
096	853180	ex	Apparat ieħor minbarra qniepen tal-bieb, qniepen intunati, bażers u simili
097	853190		Partijiet
098	853630		Apparat ieħor biex jipproteġi ċirkuwiti elettriċi
099	853650		Swiċċijiet oħrajn
100	853690	ex	Apparat ieħor, minbarra batteriji klamp ta' tip użati għal vetturi bil-mutur ta' intestatura 8702, 8703, 8704, jew 8711
101	853810		Bords, pannelli, pannelli għall-kontroll (consoles), skrivaniġi, armari u bażijiet oħrajn għall-oġġetti ta' titolu 8537, mhux armati bl-apparat tagħhom
102	853939	ex	Bozoz fluworexxenti b'katodu kiesaħ (CCFLs) għal dawli minn wara ta' displays fuq pjanċa ċatta
103	854231		Proċessuri u kontrolluri, kemm jekk ikkumbinati ma' memorji, konvertituri, ċirkuwiti loġiċi, amplifikaturi, ċirkuwiti bl-arloġġ jew bil-ħin, jew ċirkuwiti oħrajn, u kemm jekk mhumiex

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
104	854232		Memorji
105	854233		Amplifikaturi
106	854239		Oħrajn
107	854290		Partijiet
108	854320		Apparat li jiġġenera s-sinjali
109	854330	ex	Magni oħra tal-iggalvanizzar u l-elettroliżi tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati
110	854370	ex	Artikoli ddisinjati speċifikament għal konnessjoni ma' apparat telefoniku jew telegrafiku jew strumenti jew għal networks telefoniċi jew telegrafiċi
111	854370	ex	Amplifikaturi tal-microwave
112	854370	ex	Apparat bla fili ta' kontroll remot bl-infra-aħmar għall-consoles tal-video games
113	854370	ex	Reġistraturi diġitali tad-data tat-tijiriet
114	854370	ex	Apparat portabbli li jaħdem bil-batteriji għall-qari elettroniku għar-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni ta' test, stampa fissa jew fajl awdjo
115	854370	ex	Apparat għall-ipproċessar diġitali ta' sinjali li kapaċi jaqbd u ma' netwerk bil-fili jew mingħajr fili għat-taħlit tal-ħoss
116	854390		Partijiet
117	880260	ex	Satelliti tat-telekomunikazzjoni
118	880390	ex	Partijiet ta' satelliti tat-telekomunikazzjoni
119	880521		Simulaturi ta' taqbid fl-ajru u partijiet tagħhom
120	880529		Oħrajn
121	900120		Folji u plakki ta' materjal li jippolarizza
122	900190		Oħrajn

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
123	900219		Oħrajn
124	900220		Filtri
125	900290		Oħrajn
126	901050		Apparat u tagħmir ieħor għal laboratorji fotografiċi (inklużi ċinematografiċi); negatoskopji
127	901060		Skrins għall-projezzjoni
128	901090	ex	Partijiet u aċċessorji ta' oġġetti tas-subintestaturi 901050 u 901060
129	901110		Mikroskopji stereoskopici
130	901180		Mikroskopji oħrajn
131	901190		Partijiet u aċċessorji
132	901210		Mikroskopji ħlief mikroskopji ottiċi; apparat ta' difrazzjoni
133	901290		Partijiet u aċċessorji
134	901310	ex	Teleskopji maħsubin biex ikunu parti minn magni, tagħmir, strumenti jew apparat ta' dan il-Kapitolu jew Taqsima XVI
135	901320		Lejżers, ħlief dajowds tal-lejżer
136	901390	ex	Partijiet u aċċessorji, għajr għal miri teleskopiċi biex jitwaħħlu ma' armi jew għal periskopji
137	901410		Boxxli biex wieħed isib id-direzzjoni
138	901420		Strumenti u tagħmir għal navigazzjoni aeronawtika jew spazjali (ħlief boxxli)
139	901480		Strumenti u tagħmir oħrajn
140	901490		Partijiet u aċċessorji
141	901510		Telemetri
142	901520		Teodoliti u takimetri (takeometri)

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
143	901540		Strumenti u tagħmir għal kejl tal-art (surveying), fotogrammetriċi
144	901580		Strumenti u tagħmir oħrajn
145	901590		Partijiet u aċċessorji
146	901811		Elettrokardjografiċi
147	901812		Apparat ta' skannjar ultrasoniku
148	901813		Apparat ta' ikkupjar (imaging) b'reżonanza manjetika
149	901819		Oħrajn
150	901820		Apparat ultravjola jew infra-aħmar
151	901850		Strumenti u apparat oħrajn oftalmiċi
152	901890	ex	Strumenti u apparat elettrokirurġiku jew elettromediku, u partijiet u aċċessorji tagħhom
153	902150		Pacemakers biex jistimulaw il-muskoli tal-qalb (ħlief partijiet u aċċessorji)
154	902190		Oħrajn
155	902212		Apparat għal tomografija komputata
156	902213		Oħrajn, għal użi dentali
157	902214		Oħrajn, għal użi mediċi, kirurġiċi jew veterinarji
158	902219		Għal użi oħrajn
159	902221		Għal użi mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji
160	902229		Għal użi oħrajn
161	902230		Tubi tar-raġġi-X
162	902290	ex	Partijiet u aċċessorji għal apparat ibbażat fuq l-użu ta' raġġi-X
163	902300		Strumenti, apparat u mudelli, maħsubin għal għanijiet ta' wiri (pereżempju, fl-edukazzjoni jew eżibizzjonijiet), mhux tajbin għal użi oħrajn.

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
164	902410		Magni u tagħmir biex ikunu eżaminati metalli
165	902480		Magni u apparat ieħor
166	902490		Partijiet u aċċessorji
167	902519		Oħrajn
168	902590		Partijiet u aċċessorji
169	902710		Apparat għal analiżi ta' gass jew duħħan
170	902780		Strumenti u apparat ieħor
171	902790		Mikrotomi; partijiet u aċċessorji
172	902830		Arloġġi tal-elettriku
173	902890		Partijiet u aċċessorji
174	903010		Strumenti u apparat għal kejl jew qbid ta' radjazzjonijiet jonizzanti
175	903020		Oxxilloskopji u oxxillografi
176	903031		Multimeters mingħajr mezz ta' rrekordjar
177	903032		Multimeters b'mezz ta' rrekordjar
178	903033	ex	Oħrajn, mingħajr mezz ta' rrekordjar, esklużi strumenti tal-kejl tar-reżistenza
179	903039		Oħrajn, b'mezz ta' rrekordjar
180	903084		Oħrajn, b'mezz ta' rrekordjar
181	903089		Oħrajn
182	903090		Partijiet u aċċessorji
183	903110		Magni biex jibbilanċjaw partijiet mekkaniċi
184	903149		Oħrajn

Partita	SA 2007	ex *	Deskrizzjoni tal-Prodott
185	903180		Strumenti, tagħmir u magni oħrajn:
186	903190		Partijiet u aċċessorji
187	903220		Manostati
188	903281		Idrawliċi jew pnevmatiċi
189	950410		Logħob tal-vidjow ta' tip użat ma' riċevitur tat-televiżjoni
190	950430	ex	Logħob ieħor, li jaħdem bil-muniti, karti tal-flus, kards tal-bank, token, jew bi kwalunkwe mezz ieħor ta' h̄las, h̄lief tagħmir awtomatiku tal-bowling u l-logħob tal-ażżard li jirriproduċi minnufih premjijiet fi flus
191	950490	ex	Pannelli għall-kontroll (consoles) u magni ta' logħob tal-vidjow, għajr dawk taħt is-subintestatura 950430

* Subintestaturi parzjalment koperti huma identifikati permezz tas-simbolu "ex".

HEMŻA B

192	Ċirkwiti integrati b'ħafna komponenti (MCO): kombinazzjoni ta' ċirkwiti integrati monolitiċi, ibridi, jew b'ħafna ċippijiet b'tal-inqas wieħed minn dawn il-komponenti: sensuri bbażati fuq is-silikon, attwaturi, oxxillaturi, reżonaturi jew kombinazzjonijiet tagħhom, jew komponenti li jwettqu l-funzjonijiet ta' oġġetti klassifikabbli taħt l-intestatura 8532, 8533, 8541, jew indutturi klassifikabbli taħt l-intestatura 8504. essenzjalment iffurmati f'korp wieħed li ma jinqasamx, bħal ċirkwit integrat, bħala komponent tat-tip użat għall-assemblaġġ fuq bord taċ-ċirkwit stampat (PCB) jew ġarr ieħor, permezz tal-konnessjoni b'pinnijiet, b'ċombiet, b'boċċi, b'landijiet, b'tumbati, jew b'peddijiet. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, l-espressjonijiet li ġejjin ifissru: 1. Il-"komponenti" jistgħu jkunu diskreti, manifatturati b'mod indipendenti imbagħad armati fuq il-bqija tal-MCO, jew integrati f'komponenti oħra. 2. "Ibbażati fuq is-silikon" tfisser mibnija fuq substrat tas-silikon, jew magħmul minn materjali tas-silikon, jew manifatturati fuq damma (die) taċ-ċirkwit integrat. (a). "Sensuri bbażati fuq is-silikon" jikkonsistu minn strutturi mikroelettroniċi jew mekkaniċi li huma maħluqa fil-massa jew fuq il-wiċċ ta' semikonduttur u li għandhom il-funzjoni li jsibu kwantitajiet fiżiċi jew kimiċi u jittrasduċuhom f'sinjali elettriċi, li huma kkawżati minn varjazzjonijiet li jirriżultaw fil-proprietajiet elettriċi jew fi spostament ta' struttura mekkanika. "Kwantitajiet fiżiċi jew kimiċi" tirrigwarda fenomeni tad-dinja reali, bħal pressjoni, il-mewġ akustiku, l-aċċellerazzjoni, il-vibrazzjoni, il-moviment, l-orjentazzjoni, it-tensjoni, is-saħħa tal-kamp manjetiku, is-saħħa tal-kamp elettriku, id-dawl, ir-radjoattività, l-umdità, il-fluss, il-konċentrazzjoni ta' kimiċi, eċċ. 3(b). "Attwaturi bbażati fuq is-silikon" jikkonsistu minn strutturi mikroelettroniċi u mekkaniċi li huma maħluqa fil-massa jew fuq il-wiċċ ta' semikonduttur u li għandhom il-funzjoni li jikkonvertu sinjali elettriċi f'moviment fiżiku.
------------	--

	3(c). "Reżonaturi bbażati fuq is-silikon" huma komponenti li jikkonsistu minn strutturi mikroelettroniki u mekkaniċi li huma maħluqa fil-massa jew fuq il-wieċ ta' semikonduttur u li għandhom il-funzjoni li jiġġeneraw oxxillazzjoni mekkanika jew elettrika ta' frekwenza predefinita li tiddependi fuq il-ġeometrija fiżika ta' dawn l-istrutturi b'reazzjoni għall-input estern. 3(d). "Oxxillaturi bbażati fuq is-silikon" huma komponenti attivi li jikkonsistu minn strutturi mikroelettroniki u mekkaniċi li huma maħluqa fil-massa jew fuq il-wieċ ta' semikonduttur u li għandhom il-funzjoni li jiġġeneraw oxxillazzjoni mekkanika jew elettrika ta' frekwenza predefinita li tiddependi fuq il-ġeometrija fiżika ta' dawn l-istrutturi.
193	Moduli tad-dawl minn wara tad-dajowd li jarmi d-dawl (LED) , li huma sorsi ta' dawl li jikkonsistu f'LED waħda jew aktar minn waħda, u konnettur wieħed jew aktar u li jkunu mmuntati fuq ċirkwit stampat jew sottostrat simili oħra, u komponenti passivi oħrajn, kemm jekk ikkombinati ma' komponenti ottiċi jew dajowds ta' protezzjoni u kemm jekk le, u li jintużaw bħala illuminazzjonijiet minn wara fl-iskrins tal-kristalli likwidi (LCD)
194	Apparat sensittiv għall-mess għall-inputtjar tad-data (l-hekk imsejħa touch screens) mingħajr kapaċitajiet ta' display, għall-inkorporazzjoni f'apparat li jkollu display, li jaħdem billi tiġi individwata l-preżenza u l-post ta' mess fi ħdan l-erja tad-display. Is-sensittività tal-mess tista' tinkiseb permezz ta' reżistenza, kapaċità elettrostatika, rikonossiment ta' impulsi akustiċi, dawl infra-ħomor, jew teknoloġija oħra sensittiva għall-mess
195	Cartridges tal-linka (bi jew mingħajr print head integrat) biex tiddaħħal f'apparat ta' subintestaturi SA 844331, 844332 jew 844339, u li jinkorpora komponenti mekaniċi jew elettriki; cartridges tat-toner elettrostatiki jew termoplastiċi (b'partijiet li jiċċaqalqu jew mingħajrhom) biex jiddaħħlu f'apparat ta' subintestaturi tas-SA 844331, 844332 jew 844339; linka solida f'forom artifiċjali għall-inserzjoni f'apparat ta' subintestaturi tal-AS 844331, 844332 jew 844339
196	Materjal stampat li jagħti d-dritt għal aċċess, stallazzjoni, riproduzzjoni jew b'xi mod ieħor jużaw softwer (inkluż loġħob), data, kontenut tal-internet (inkluż kontenut fil-logħba fl-application) jew servizzi, jew servizzi tat-telekomunikazzjoni (inkluż servizzi mobbli)**

197	Kuxxinetti tal-illostrar li jeħlu waħedhom tat-tip użat fil-manifattura ta' wejfers tas-semikonduttur
198	Kaxxi, kaxxetti, ċestuni u oġġetti simili , tal-plastik, b'forma speċjali jew immodifikati għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' wejfers ta' semikondutturi, maskri jew retikoli, tas-subintestatura 392310 jew 848690
199	Pompi tal-vakwu tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' semikondutturi jew displej fuq pjanċa ċatta
200	Magni tat-tindif plażma li jeliminaw il-kontaminanti organiċi minn kampjuni tal-elettron mikroskopiċi u detenturi tal-kampjuni
201	Apparati elettroniċi portabbli interattivi għall-edukazzjoni primarjament iddisinjati għat-tfal

****** It-tneħħija tat-tariffi għall-materjal stampat għandha taffettwa biss id-drittijiet u l-obbligi fir-rigward tal-kummerċ fl-oġġetti, jiġifieri, ma għandhiex taffettwa l-aċċess għas-suq apparti mit-tariffi tal-parteċipanti. Xejn fil-ftehim tal-espansjoni tal-ITA ma għandu jimpedixxi membru tal-ITA milli jirregola l-kontenut ta' tali oġġetti, inkluż kontenut tal-internet, fost affarijiet oħra. Xejn fil-ftehim tal-espansjoni tal-ITA ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-aċċess għas-suq ta' membru dwar il-kummerċ fis-servizzi jew jimpedixxi lil Membru milli jirregola s-suq tas-servizzi tiegħu.
